MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 1/2006

**Robert Micallef, Aaron Micallef**
**u Anthony Micallef**

**v.**

**Mona Sarah Farrugia**
**Lawrence Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Mona Sarah Farrugia u kontra Lawrence Grech bhala Editur ta' 'The Sunday Times', talli fit-30 ta' Mejju 2004, fis-6 ta' Gunju 2004 u f'dati sussegwenti, permezz ta' artikolu u ittra ippubblikati fil-pagna hamsa w sebghin (75) u hamsa w sittin (65) rispettivament tal-gazzetta 'The Sunday Times' fil-pagna dedikata ghal '*Food and* Drink', taw malafama lil Robert Micallef, Aaron Micallef u Anthony Micallef billi attribwew lilhom imputazzjonijiet u fatti determinanti bi skop li

joffendu l-unur u l-fama taghhom, jew li jesponuhom ghar-ridikolu jew ghad-disprezz pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija flimkien mal-piena applikabbli tapplika wkoll il-provedimenti ta' l-artikolu 20 tal-Kap. 248;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Dicembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmijin Mona Sarah Farrugia u Lawrence Grech mhux hatja l-imputazzjoni dedotta kontra taghhom u lliberathom minn kull imputazzjoni w htija;

Rat ir-rikors ta' appell tal-kwerelanti Robert Micallef, Aaron Micallef u Anthony Micallef pprezentat fid-29 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u minflok issib lill-appellati Mona Sarah Farrugia u Lawrence Grech bhala Editur ta' 'The Sunday Times' hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji tal-kwerelanti appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) il-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti tmur kontra d-dettami ta' l-artikolu 12 tal-Kap. 248 peress illi l-appellat Lawrence Grech fil-kwalita` tieghu ta' editur ta' *"The Sunday Times"* eccepixxa l-verita` tal-fatti u ghalhekk kien obbligu tieghu li jressaq prova li dak kollu riportat fl-artikolu lmentat kien jirrifletti l-verita`; (2) l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi fuq il-provi li ngabu quddiemha, li kienu jikkonsistu unikament fil-provi mressqa mill-appellanti, u minn dawk il-provi rrizulta li l-artikolu in kwistjoni kien ibbazat fuq fatti inveritjeri; (3) l-ewwel Qorti bl-ebda mod ma ghamlet referenza ghall-malafama u ingurja derivanti mit-titolu ta' l-artikolu lmentat.

Din il-Qorti sejra tittratta l-ewwel it-tieni u t-tielet aggravji li jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall--konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

In kwantu jirrigwarda t-tieni aggravju, l-appellanti bazikament jippretendu illi, ghax l-appellati ma ressqux provi, l-ewwel Qorti kien imissha strahet unikament fuq il-provi li gabu biex "jirribattu" dawk il-partijiet ta' l-artikolu li jikkontendu li bihom hassewhom malafamati. Naturalment sabiex l-ewwel Qorti tasal ghad-decizjoni taghha, hija hadet in konsiderazzjoni kemm dawk il-provi kif ukoll l-artikolu in kwistjoni u rreferiet ghall-gurisprudenza rilevanti in materja. Tajjeb hawn li tigi citata parti mis-sentenza appellata mnejn tirrizulta l-ezami akkurata li ghamlet l-ewwel Qorti f'dar-rigward:

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**“Huwa veru illi l-kwerelata Farrugia accediet fir-restaurant tal-kwerelanti sabiex tiekol mill-istess ikel provdut mill-fond. Huwa veru wkoll illi hija ordnat it-tip ta’ ikel imsemmi fl-artikolu. Jista’ jkun pero`, li ma kienx minnu li ma kien hemm hadd jilqaghhom meta dahlu u wkoll illi ma kienx minnu li x-chef kien bilqieghda fuq banketta barra l-kcina. Dawn iz-zewg nuqqasijiet, fl-opinjoni tal-Qorti, mhumiex daqshekk gravi li ghandhom jincidu fuq id-dritt tal-kwerelata Farrugia li tikkummenta fuq dak li gie provdut lilha. Dawn iz-zewg fatti, anke jekk veritjeri, mhumiex ta’ konsegwenza u billi x-chef kien bilqieghda fuq banketta jew le, ghall-fini ta’ kredibilita` [ma] taghmilx differenza. Li hu importanti hu li verament il-kwerelata ordnat dak l-ikel li dwaru kkummentat fl-artikolu. Fuq dan m’hemmx kwistjoni u l-kwerelanti jaqblu li dak kien l-ikel ordnat.**

**Minn hawn ‘il quddiem, il-Qorti jidhrilha li l-kwerelata kellha d-dritt kollu li tikkummenta u taghti opinjoni ragunata dwar dak illi gie pprezentat lilha. Ladarba ma gogobhiex, kienet libera li tesprimi tali opinjoni. Din hija haga soggettiva illi mhux bilfors xi hadd iehor fl-istess cirkostanzi se jaghti l-istess gudizzju. Pero` l-artikolista Farrugia, jekk dehrilha li l-ikel ma kienx ipprezentat u msajjar tajjeb, allura kellha dritt li tesprimi din l-opinjoni.**

**Illum il-gurnata hemm eluf ta’ restaurants imxerrdin ma’ Malta u Ghawdex u hemm ukoll numru ta’ awturi illi jikkummentaw dwar l-esperjenzi taghhom fid-diversi restaurants u wiehed jistenna li dawn l-esperjenzi jkunu varji mhux dejjem ikunu posittivi. X’jiswa li jigi pubblikat biss dak li hu tajjeb! Xi kredibilita` tista’ tinghata lill-artikolist li jmur fejn imur jirrapporta t-tajjeb biss. Fejn hija l-gwida li l-pubbliku ghandu dritt illi jistenna minn tali pubblikazzjonijiet. Il-verita` hi li dawn jibqghu dejjem soggettivi ta’ l-awtur koncernat fejn wiehed jista’ jaqbel jew ma jaqbilx maghhom.**

**Pero`, il-Qorti ma tistax iccahhad id-dritt lill-awtur fil-mistier li jikkummenta dwar l-esperjenzi tieghu. Kienet tkun xi haga differenti li kieku l-kwerelata Farrugia m'accedietx fir-restaurant u qaghdet fuq dak illi qallha haddiehor jew inkella li ma kienx minnu li ordnat dak it-tip ta' ikel. Ghalhekk, il-fatti kif esposti f'dan l-artikolu huma sostanzjalment korretti u bhala opinjoni, Farrugia kellha d-dritt li tesprimi l-opinjoni taghha fuq dawn il-fatti kif gew esposti lilha."**

Din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti. Fir-rikors ta' appell taghhom pero` l-appellanti jaqbdu wkoll ma' punt li ma ssemmiex mill-ewwel Qorti, u jghidu li wiehed mill-fatti inveritjeri kien li *"fil-verita` l-appellata Mona Sarah Farrugia kielet il-platti kollha u mhux kif riportat hija li rritornathom lura 'three quarters full'."* Minn ezami ta' l-artikolu jirrizulta li r-referenza ghal *"three quarters full"* hija referenza ghal *starter* li ha TW, il-persuna li kienet qed takkompanja lill-appellata Farrugia, u mhux ghal xi haga li ordnat Farrugia. Barra minn hekk huwa minnu li l-appellata Farrugia u TW setghu jilmentaw dak il-hin dwar l-ikel li kienu qeghdin jigu servuti, izda l-fatt li m'ghamlux dan ma kienx jipprekludihom mill-kitba ta' l-artikolu lmentat. Ghalhekk it-tieni aggravju hu respint.
Kwantu ghat-tielet aggravju rigwardanti t-titolu ta' l-artikolu, l-appellanti jghidu illi mill-provi mressqa gie pruvat illi r-restaurant gestit mill-appellanti huwa *a family run restaurant* u ghaldaqstant it-titolu ta' l-artikolu tahom malafama. Jghidu li din it-tezi giet assodata mid-dokument ipprezentat mill-appellanti fejn jindika kif l-artikolu tal-gazzetta gie riprodott fuq sit ta' l-internet u bhala *contact name* gie indikat *"The Micallef Family"*.

Issa, dawn il-proceduri gew istitwiti a bazi ta' dak li kien hemm fl-artikolu li deher fil-gazzetta *The Sunday Times* tat-30 ta' Mejju 2004 (u ittra fl-istess gazzetta tas-6 ta' Gunju 2004) u mhux fuq dak li hemm fuq l-imsemmi sit ta' l-internet. Fl-artikolu ma hemm ebda referenza ghall-familja Micallef. Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa respint.

L-ewwel aggravju jirrigwarda l-fatt illi l-appellat Lawrence Grech fil-kwalita` tieghu ta' editur ta' *"The Sunday Times"* eccepixxa l-verita` tal-fatti u ghalhekk kien obbligu tieghu li jressaq prova li dak kollu riportat fl-artikolu lmentat kien jirrifletti l-verita`. Fil-fehma ta' din il-Qorti, in vista tal-konkluzjonijiet raggunti dwar l-aggravji l-ohra, l-appellanti m'ghandhomx ragun. Il-fatti li dwarhom l-artikolista ma kenitx korretta huma fatti li mhumiex daqstant sinifikanti u l-bqija tikkostitwixxi "opinjoni ragunata" ta' l-artikolista dwar l-esperjenza kulinarja taghha. B'hekk anke dan l-aggravju huwa michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------